**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Frar 2020.**

**Rik Gur : 203/2016 AGV**

**AB**
**Vs**
**CB**

**Il-Qorti,**
**Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet konjugi B tal-10 ta' Jannar 2020;**

1. Illi fil-kawza fl-ismijiet premessi dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tippronunzja is-separazzjoni personali ta' bejniethom;

2. Illi jinghad illi l-partijiet waslu ghal ftehim dwar s-separazzjoni u kontestwalment ma' dar-rikors, huma qed jpprezentaw rikors ghal-awtorzazzjoni tal-abbozz li ghandu jigi ppubblikat min-Nutar Dr Liza Schembri;

3. Illi jirrizulta mil-provi migbura f' dil-kawza li l-kontedenti ilhom minn Novembru 2015 jghixu f' residenzi separati u allura ghal aktar minn erba' snin matul dal-ahhar hamsa prospettat mid-dispozzjonijiet tal-artikolu 66 B tal-Kapitolu 16.

4. Illi inoltre' ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-kontendenti u kwistjonijiet dwar manteniment ghal-bzonnijiet tat-tfal minuri ma hemmx;

5. Illi ghalhekk l-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artiklu 66 F, tal-Kap, 16, din l-Onorabbli Qorti, prevja is-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-istess artiklu, tordna illi sewwa it-talbiet tas-separazzjoni jitqiesu minflok bhala talbiet ghal-pronunzjament ta' divorzju.

Rat illi l-kumplament tat-talbiet u kontro-talbiet gew ceduti mill-partijiet, stante ftehim bejniethom.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet.

Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur sabiex, fi zmien ghaxart ijiem, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju, sabiex dan jigi irregistrat fir-Registru.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Antonio G Vella**

**Imhallef**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**